MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Numru 679/2005

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Abdilla)
vs
Nicholas Pace Debono, iben Godwin, imwieled San Ġiljan
fid-29 ta’ ġunju, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fit-18 ta’ ġunju, 2005 għal ħabta tas-6.30 a.m. fi Trejqet il-Bajja, San Ġiljan u/jew fil-viċinanżi –

1. volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u cioe’ vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBK 376, tal-għamla Kia, għad-dannu ta’ Nadia Roxanne Wismayer minn San Ġiljan, liema ħsara hi aktar minn Lm50;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi nġurja jew hedded lill-imsemmi Nadia Roxanne Wismayer bil-kliem;
4. talli għamel użu minn xi nfrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjoni provduti minn provveditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih ikun ġie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nħarġu mill-provveditur awtorizzat għall-użu sew ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jew tagħmir jew użu minnu mhux sew.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' marzu, 2007 fejn Nadia Roxanne Wismayer irtirat il-kwerela tagħha.

Semgħet il-provi.

Illi mill-provi prodotti l-ebda akkuża ma ġiet pruvata.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------